



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12254/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0229 (NLE)**

**MAMA 149
MED 38
RL 3**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra, dwar l-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Libanu, sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju
li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
minn naħa waħda, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra,
dwar l-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Libanu, sakemm ikunu
adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra¹ (il-Ftehim) ġie ffirmat fis-17 ta' Ġunju 2002 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006.
- (2) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni adotta l-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Libanu, inkluż il-Patt UE-Libanu, mehmuż miegħu (il-'Patt') , permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2016² għall-perijodu 2016-2020.
- (3) Fi skambju ta' ittri, iż-żewġ naħat qablu li jenħtieġ li tiġi estiża l-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Libanu, inkluż il-Patt, bħala dokumenti ta' gwida biex jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom sakemm jiġu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda.
- (4) Skont l-Artikolu 76 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ' għandu s-setgħa jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-obiettivi tal-Ftehim.

¹ ĠU L 143, 30.5.2006, p. 2.

² Id-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Libanu tal-11 ta' Novembru 2016 dwar qbil fuq il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Libanu (ĠU L 350, 22.12.2016, p. 114).

- (5) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta deċiżjoni permezz ta' proċedura bil-miktub biex jestendi l-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija, inkluż il-Patt, sakemm jiġu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
- (6) Għalhekk ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, billi d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser ikollha effetti legali
- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-validità tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Libanu, sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 12263/21 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.